MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 944/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited bħala aġent u mandatarja tas-soċjeta' estera CGU Insurance plc ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Kenneth D'Amato (Claim N017182).**

**-vs-**

**Direttur Dipartiment tat-Toroq u Noel u Sylvana Tanti.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fid-19 ta' Awissu, 2002 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi esponiet bir-rispett:

Illi f'Diċembru 2001, daħal kwantita' ta' ilma fil-maħżen li jinsab fi Triq Dun Vinċenz Saliba, Tal-Qattus, Swatar, limiti ta' Birkirkara u ġewwa dan il-maħżen kien hemm

merkanzija ta' Kenneth D'Amato li ġarrbet ħsara minħabba dan it-tixrib.

Illi Kenneth D'Amato kien assigurat mas-soċjeta' attriċi u a bażi ta' dan is-soċjeta' attriċi ħallset lill-assigurat tagħha s-somma komplessiva ta' sebat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm7,500) rappresentanti l-valur tad-danni assigurati u b'hekk is-soċjeta' attriċi ġiet surrogata fid-drittijiet tiegħu.

Illi l-imsemmija ħsarat ġraw minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris da parti tal-konvenuti raġunijiet imputabbili għal konvenuti u dan sew minħabba x-xogħolijiet li saru mid-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq u kif ukoll minħabba li l-konvenuti Tanti li ma żammewx il-proprjeta' tagħhom fi stat tajjeb ta' riparazzjoni.

Illi l-konvenuti nterpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni fuq imsemmija permezz ta' ittra uffiċċjali tat-12 ta' April, 2002 baqgħu inadempjenti.

Għalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjarahom, jew min minnhom responsabbli għad-danni kawżati lill-assigurat ta' l-attur nomine fl-inċident fuq imsemmi, liema danni huma likwidati fl-ammont ta' sebat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm7,500) kif fuq premess.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-attur is-somma ta' sebat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm7,500) in linea ta' danni kif fuq premess.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut kompriżi dawk ta' ittra uffiċjali tat-12 ta' April, 2002 u bl-interessi mid-data ta' l-istess ittra uffiċjali, liema konvenuti huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' attriċi maħlufa mill-Avukat Dr. Peter Borg Costanzi fid-19 ta' Awissu, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Noel u Silvana Tanti ppreżentata fis-7 ta’ Novembru, 2002 li permezz tagħha eċċepew illi:

1. Fl-ewwel lok irid jirriżulta li hemm surroga skond il-Liġi u applikabbli għal dan il-każ stante illi l-kuntratt ta’ assikurazzjoni jinvolvi l-element ta’ riskju għall-assikurazzjoni li tkun trid tħallas għal dak l-event u ma hemmx neċessarjament is-surroga tad-drittijiet stante in-natura għall-kuntratt ta’ assikurazzjoni oriġinali.

2. Fit-tieni lok l-eċepjenti bl-ebda mod la b’imprudenza u lanqas bi traskuraġni ma kkaġunaw danni lil Kenneth D’Amato stante illi huma stess kellhom jissubixxu tibdil mill-istat li kienet fiha d-dar tagħhom qabel u dan mingħajr ma setgħu jagħmlu xejn biex jipprevenu jew b’mod ibiddlu l-istat ta’ fatt illi sabu ruħhom fih u għalhekk mhux bl-ebda responsabbli.

Salv eċċezzjoni ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Tanti maħlufa minn Silvana Tanti fis-7 ta’ Novembru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tat-Toroq ppreżentata fid-29 ta’ Novembru, 2002 li permezz tagħha eċepixxa:

1. Illi preliminarjament iċ-ċitazzjoni bl-ismijiet fuq premessi ma għandha l-ebda effett fil-konfront tal-konvenut stante li l-Avukat Ġenerali ma’ ġiex notifikat kif stipulat fl-Art. 181 (B) (3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost għandhom jiġu kjamati fil-kawża żewġ kuntratturi li kienu involuti fix-xogħlijiet fi Triq Dun Vinċenz Saliba, Tal-Qattus, Swatar, li huma V & C Contractors Ltd. U Bitmac Ltd., kif ukoll għandu jiġi kjamat il-Perit Brian Ebejer li kien responsabbli mill-bini ta’ l-imħażen fl-istess triq.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost id-domandi tas-soċjeta’ attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eċċipjent ma kien bl-ebda mod responsabbli għad-danni allegatament sofferti mill-assigurat tagħha.

4. Illi huwa ma għandux ibati spejjeż.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tat-Toroq l-AIC Lino Zammit, maħlufa fid-29 ta’ Novembru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat id-deċiżjoni tagħha mogħtija fid-19 ta’ Jannar, 2004 li permezz tagħha ġiet miċħuda t-talba għall-kjamata fil-kawża tal-persuni msemmija fin-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tat-toroq.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Mejju, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi għamlu t-trattazzjoni tagħhom.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża ġiet istitwita wara li s-soċjeta’ attriċi ħallset is-somma ta’ sebat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm7,500) lill-assikurat tagħha Kenneth Damato wara li dan sofra ħsarat f’merkanzija tiegħu li kienet f’maħżen f’Birkirkara. Is-soċjeta’ attriċi wara li ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat (Dokument “KD1” u “KD2”) ħarrket lill-konvenuti għaliex qed tgħid li l-ħsara ġiet ikkawżata min-naħa tagħhom. Il-konvenuti Tanti għaliex l-ilma li kkawża l-ħsara daħal minn ġol-proprjeta’ tagħhom u l-konvenut l-ieħor id-direttur tat-toroq għaliex l-ilma daħal wara li kien tbiddel il-livell tat-triq da parti tiegħu.

Il-konvenuti qed jiċħdu li huma responsabbli għall-akkadut. Apparti dan pero’ intavolaw kull wieħed eċċezzjoni ta’ natura legali li jridu jiġu deċiżi wkoll. Il-konvenuti Tanti eċċepew illi kellha ssir il-prova tas-surroga

iżda kif ġia' ingħad din inġabet matul il-kors tal-kawża meta x-xhud tal-atturi esebixxa kopja tagħha. Da parti tiegħu d-Direttur eċċepixxa li ma ġiex notifikat l-Avukat Ġenerali – iżda kif irriteniet din il-Qorti fil-kawża Joseph Galea vs Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet deċiża b'mod preliminari fis-27 ta' Ġunju, 2003, il-*mens legis* ta' dan il-provvediment illi jinsab fl-Artiklu 181(B)(3) tal-Kap. 12 huwa palesament biex ebda dipartiment tal-Gvern ma jkunx fi stat ta' kontumaċja jekk l-att notifikat lid-dipartiment in kwistjoni ma jgħaddix tempestivament lill-Avukat Ġenerali biex jippreżenta r-risposta għal dak l-att. Infatti l-Artikoli msemmi jagħmilha ċara li kull terminu jibda għaddej minn dakinhar li l-att jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali. F'dan il-każ il-problema ma nqalgħetx għaliex in-nota tal-eċċezzjonijiet ġiet preżentata filwaqt.

Is-soċjeta' attriċi ppreżentat affidavit ta' Kurt Caruana li huwa *claims handler* magħha fejn dan qal li fis-27 ta' Diċembru, 2001 kien ġie informat mill-assikurat tagħhom D'Amato li kien daħal ħafna ilma fil-maħżen tiegħu f'Birkirkara u l-merkanzija li kellu fih ġiet danneġjata. Ġie inkarigat il-Perit Alfred Grech illi kkonkluda li ilma daħal minn ġol-proprjeta' tal-konjuġi Tanti. Meta kellem lil Tanti dan qallu li xi xhur qabel id-dipartiment tat-toroq kien baxxa l-livell tat-triq b'xi ħames pulzieri u għalhekk hu ġie skopert. B'kollox ħallsu sebat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm7,500) lill-assikurat tagħhom (Dok. "KC5" "KC6").

Is-soċjeta' attriċi ppreżentat ukoll affidavit ta' l-assikurat tagħha D'Amato li kkonferma dak li qal Caruana; skond ix-xhud "*Fir-rampa tal-garaxx tas-Sinjuri Tanti kien hemm kanna quddiem il-bieb tal-garaxx tagħhom biex tiġbor l-ilma li jinżel minn ġor-rampa. Iżda ġara pero' li l-kanna ma kinitx twila biżżejjed minn ħajt sa ħajt tul il-wisa' tal-bieb tal-garaxx u għalhekk ġara li l-ilma li kien qed jinżel fir-rampa ma kienx jinżel kollu f'din il-kanna u minflok kien jgħaddi minn bejn il-fili u l-madum tagħhom u jispiċċa jgħaddi minn ġos-saqaf tal-garaxx tiegħi*."

A fol 180 ġie ppreżentat affidavit ta' Gordon Axiak, *assistant manager* tas-soċjeta' attriċi li ftit jew wisq irrepeta dak li ġia' intqal.

Kurt Caruana ġie kontro-eżaminat a fol 184. Fatt importanti hu li jirriżulta li ċirka sena wara D'Amato reġa' kell ħsara fil-merkanzija tiegħu u s-soċjeta' attriċi reġgħet ħallsitu iżda x-xhud ma kienx jaf dettalji dwar dan.

A fol 202 xehed il-konvenut Tanti li qal li l-livell tat-triq kien tniżżel mill-Gvern xi xhur qabel u kien għalhekk li l-ilma beda jidħol anke għandu. Qal li anke daħal ilma minn xi *pipes* li tkissru meta sar ix-xogħol tal-livellar 'l isfel tat-tiq. Meta kien kontro-eżaminat, qal li hu ma ħax azzjoni biex jirranġa r-rampa tiegħu wara li saru dawn ix-xogħlijiet għaliex ma kienx kapaċi jagħmilha. Iktar 'il quddiem qal li ma kellux biex isewwi r-rampa u ħalliha kif kienet. Skond hu ma kinitx imkissra u allura ma kienx hemm għalfejn. Tant ipproduċa bħala xhud lill-Perit George Chetcuti (fol 213 *et sequitur*) li kkonferma ċ-ċertifikat tiegħu stess rilaxxat wara li spezzjona l-ambjenti in kwistjoni fit-3 ta' Marzu, 2004, jiġifieri iktar minn sentejn wara l-akkadut. Skond ir-rapport li rrilaxxa dan ix-xhud; "*The source of permeating water is not the part of the ramp earmarked by third parties. This can be demonstrated by the fact that, although subject to vehicular traffic, the tiled floor inside Mr. Tanti's garage, has remained intact and does not show any signs of settlement or detachment or any such conditions that arise when water penetrates through the sub floor. On the other hand the occurrence of the first incident soon after the construction of the road and the method of construction itself, as investigated a few metres away from Mr. Tanti's dwelling, leads one to seriously consider that the occurrence of water ingress could be well taking place along the periphery between the building alignment with the pavement strip, with the water eventually finding its way inside the garage below Mr. Tanti's property.*" Xhud ieħor, Michael Gatt, li huwa ġar tal-konvenut Tanti, qal li ċirka sentejn qabel kellu kantina mxarrba u nforma lill-Tanti. Ċemplu lill-Water Services Corporation illi rranġaw il-bankina u ma reġax kellhom problemi. Ix-xhud ikkonferma li kienet tbaxxiet it-triq iżda dak iż-żmien ma kienx għadu joqgħod fl-akkwati. Ikkonferma pero' li r-residenti kollha kellhom ibaxxu r-

rampi tagħhom biex setgħu jidħlu fil-*garages* rispettivi tagħhom.

Mill-provi li tressqu dak li huwa ċar hu li l-assikurat ta' l-atturi Kenneth D'Amato sofra ħsara meta l-maħżen tiegħu ġie mgħarraq bl-ilma f'Diċembru 2001. Jirriżulta wkoll li ftit qabel kien sar xogħol ta' asfaltar mill-konvenut Direttur tat-Toroq (jew aħjar nies imqabbdin minnu). Minħabba dan, il-livell tat-triq kellu jitbaxxa u allura ħafna mir-residenti tat-triq kellhom jirranġaw skond il-każ ir-rampi li jagħtu għall-*garages* rispettivi tagħhom. Huwa f'dan ix-xenarju li għal xi raġuni daħal l-ilma fil-proprjeta' imsemmija.

Il-Qorti pero' tħoss li l-provi mressqa mis-soċjeta' attriċi huma superfiċjali wisq biex jirnexxu anke f'azzjoni ċivili. Huwa magħruf li waħda mill-iktar regoli bażiċi tal-proċedura hija li l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega (Artiklu 562 tal-Kapitlu 12); u hija wkoll regola bażika li trid tinġieb l-aħjar prova (Artiklu 559). Is-soċjeta' attriċi, meta l-assikurat tagħha sofra l-ħsara nkarigat lill-Perit Grech biex jistabilixxi kif ġrat il-ħsara iżda għal xi raġuni dan ma ġiex prodott bħala xhud. Dak li qalu x-xhieda tas-soċjea' attriċi fir-rigward ta' kif oriġinat il-ħsara ma jistax b'ebda mod jiġi konsidrat li huwa xi prova teknika kif effettivament kellha tkun f'dan il-każ għaliex kemm l-uffiċjali tas-soċjeta' attriċi u kemm l-assikurat m'humiex nies tekniċi li rrepetew dak li ftit jew wisq qalilhom il-Perit Grech.

Għalhekk fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi tal-Qrati tagħna, senjatament fis-sentenza fl-ismijiet <u>Lenicker vs Camilleri</u> (deċiża fil-31 ta' Mejju, 1972) fejn intqal; "*F'kawża ċivili l-attur illi jallega jrid jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova, l-azzjoni tiegħu ma jkollhiex esitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma ġabx prova ta' dan għaliex legalment m'huwiex obbligat li jipprova.*" – Din il-Qorti ma tħossx li s-soċjeta' attiċi ssodisfatha li xi ħadd mill-konvenuti kellu t-tort għall-akkadut għaliex il-fatt li l-assikurat tagħha sofra l-ħsara mhux bilfors li kien ħtija tal-konvenuti jew xi ħadd minnhom. Per eżempju sar enfasi fuq il-fatt li l-konvenut Tanti kien obbligat li jħalli r-rampa tiegħu fi stat tajjeb iżda lanqas dan ma jfisser li bilfors il-ħsara ġiet minħabba fih

apparti l-fatt li anke f’dan l-aspett il-fatt dwar jekk dan kienx il-każ (li r-rampa ma nżammitx fi stat tajjeb) ma ġiex provat sodisfaċentement u r-ritratti esebiti ma jistgħux bl-ebda mod jiġu konsidrati bħala prova sodisfaċenti għat-teżi attriċi.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti (ħlief l-ewwel eċċezzjoni ta’ kull konvenut li huma respinti għar-raġunijiet fuq indikati) u tiċħad it-talbiet attriċi. L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta’ attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------